**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

L-Erbgħa 19 ta' Frar 2020

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

### AĠENDA Numru 10

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi

Lill-Membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 10 (laqgħa b'urġenza) li ser tinżamm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar l-Erbgħa 19 ta' Frar 2019 fl-4:15pm.

Din il-laqgħa ser tixxandar *live* fuq l-*internet* u hi miftuħa għall-pubbliku.

**IFFIRMATA**

**Chris Falzon**
Segretarju Eżekuttiv

---

### AĠENDA

10.1 Approvazzjoni tal-Financial Statements 2019.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tal-10 Laqgħa tat-tmien leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi (laqgħa b'urġenza) li saret nhar l-Erbgħa 19 ta' Frar 2020 fl-4:15pm fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi u spiċċat fil-4:45pm.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri MQR |
| Viċi Sindku | Patrick Bugeja |
| Kunsilliera | Marion Parnis |
| Kunsillier | Charles Zerafa |
| Kunsillier | Daniel Farrugia |
| Ambaxxatur għaż-Żgħażagħ | Gabriel Camilleri |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Chris Falzon |

Is-Sindku David Schembri MQR ippreseda.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 10.1 APPROVAZZJONI TAL-FINANCIAL STATEMENTS 2019

10.6.1 Is-Sindku David Schembri qal li din il-laqgħa kellha tissejjaħ b'urġenza wara li l-Financial Statements 2019 kienu riċevuti matul il-ġurnata tat-Tlieta 18 ta' Frar tard filgħaxija.

10.6.2 Min-naħa tiegħu rringrazzja lill-Kunsillieri li sabu l-ħin sabiex issir il-laqgħa daqstant malajr u l-Financial Statements 2019 jiġu approvati.

10.6.3 Is-Sindku għadda l-kelma lis-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon sabiex jagħti spjegazzjoni dwar il-Financial Stataments 2019.

10.6.4 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li minn dak li ħareġ mill-Financial Statements 2019 il-Kunsill Lokali tal-Qrendi jinsab f'pożizzjoni finanzjarja b'saħħitha.

10.6.5 Qal li dan joħroġ mill-fatt li l-Kunsill Lokali matul l-2019 daħal f'diversi skemi biex isiru l-proġetti, u kien hemm ukoll attenzjoni fuq in-nefqa inġenerali tal-Kunsill Lokali.

10.6.6 Żied li wieħed irid iżomm f'moħħu li fix-xhur li ġejjin il-Kunsill Lokali ser joħroġ numru sostanzjali ta' flus minħabba l-proġett tal-bini taċ-Ċentru Ċiviku l-ġdid li issa qabad ritmu normali u allura l-ħlasijiet mistennija jiżdiedu fil-ġimgħat u x-xhur li ġejjin.

10.6.7 Is-Sindku ppropona li l-Kunsill Lokali għandu japprova dawn il-Financial Statements 2019.

10.6.8 Il-Kunsillier Charles Zerafa ssekonda u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Il-laqgħa ntemmet fil-4:45pm.

**Chris Falzon**
**Segretarju Eżekuttiv**

**David Schembri**
**Sindku**